# IL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Ir-Repubblika Ta' Malta**

**vs.**

**Fanta SILA'**

Illum 20 ta' Mejju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-konfront ta' **Fanta SILA'**, bint Moussa u Muminato nee Giaun, imwielda Guinea Bissau detentriċi tal-Passaport Portugiż bin-numru C926925 fejn ġiet akkużata talli:

> F'dawn il-Gżejjer, nhar l-4 ta' Frar 2020 u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data:

1. **Assoċjat ruħha ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex tbiegħ jew titraffika f'dawn il-Gżejjer mediċina (*herojina*),** bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap

101 tal-Liġijiet ta’ Malta jew ippromwoviet, ikkostitwiet, organizzat jew iffinanzjat tali assoċjazzjoni.

2. **Importat jew ġiegħelet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (*herojina*) f’Malta**, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. **Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga *herojina*** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lil persuna jew persuni jew għall-użu ta’ persuna jew persuni mingħajr ma kellha liċenza mill-President ta’ Malta mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita mogħtija mill-President ta’ Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienetx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienetx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta jew xort’oħra li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. **Kellha fil-pussess tagħha d-droga *herojina*** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, meta ma kienetx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienetx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienetx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, **liema droga instabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-uzu esklussiv tagħha**.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-akkużata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużata jew huma proprjeta' tagħha, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużata milli titrasferixxi jew xort'oħra, tiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istuttorja tat-12 ta' Frar, 2020 fejn l-akkużata **Fanta SILA'** ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u kkonfermat tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatilha żmien biex tikkunsidra mill-ġdid din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Frar 2020 fejn iddikjara li ai termini tal-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputata irreġistrat l-ammissjoni fuq imsemmija, għandhom jitqiesu bħala Att t'Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Rat il-fedina penali Maltija aġġornata tal-ħatja **Fanta SILA',** li hija waħda netta.

**Ikkunsidrat**

Illi in vista tal-ammissjoni reġistrata mill-akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-12 ta` Frar 2020, debitament imtennija dakinhar stess, tiddikjara lil **Fanta SILA’** **<u>ħatja</u>** talli f’dawn il-Gżejjer, nhar l-4 ta’ Frar 2020 u/jew fil-ġimgħat ta’ qabel din id-data:

1. **Assoċjat ruħha ma xi persuna jew persuni oħra f’dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex tbiegħ jew titraffika f’dawn il-Gżejjer mediċina (*herojina*),** bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta jew ippromwoviet, ikkostitwiet, organizzat jew iffinanzjat tali assoċjazzjoni.

2. **Importat jew ġiegħelet li tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (*herojina*) f’Malta**, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. **Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga *herojina*** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lil persuna jew persuni jew għall-użu ta’ persuna jew persuni mingħajr ma kellha liċenza mill-President ta’ Malta mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita mogħtija mill-President ta’ Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib

Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienetx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienetx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta jew xort'oħra li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. **Kellha fil-pussess tagħha d-droga *herojina*** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienetx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienetx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-uzu esklussiv tagħha**.

**Ikkunsidrat**

Illi b'rikors kongunt preżentat nhar it-30 ta' Marzu 2021 l-Avukat Ġenerali u l-ġja akkużata **Fanta SILA'** filwaqt li għamlu referenza għall-ammissjoni

reġistrata minn **Fanta SILA’** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif aktar il-fuq imsemmi, għamlu referenza wkoll għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 392B(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali u ddikjaraw ulterjorment li kienu qegħdin jaqblu li l-piena li għandha tiġi inflitta fuq il-ħatja **Fanta SILA’** minn din il-Qorti f’dan il-każ, wara li tittieħed in konsiderazzjoni **l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta b’żewġ gradi,** kellha tkun dik ta’ **<u>tminn (8) snin priġunerija flimkien ma multa ta’ ħmistax il-elf euro (€15,000)</u>** u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra li titnissel wara dikjarazzjoni u sejbien ta’ ħtija fit-termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Liġijiet ta’ Malta inkluż il-konfiska ta’ kwalukwe flejjes u tal-propjeta’ mobbli u immobbli appartenenti lill-istess **Fanta SILA’**.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti fliet ġurisprudenza kemm reċenti kemm passata fir-rigward ta’ reati li bihom ġiet mixlija u nstabet ħatja l-akkużata u dan inkluż l-istess tip ta’ droga involuta fiha l-akkużata. Fost dawn is-sentenzi hemm dawk deċiżi minn din il-Qorti matul iż-żmienijiet fosthom fil-kawżi **Ir-Repubblika ta’ Malta vs.**

**Ahmed Ben Taher** deċiza fis-16 ta’ Jannar 2001;

**Mansour M. Nagem** deċiża fil-31 t’Ottubru 2002;

**Davina A. Ortiz** deċiza fis-6 ta’ Jannar 2003;

**Sodjuma sive Sadjuma Djalo** deċiża fil-11 ta’ Jannar 2010;

**Efosa Efionayi** deċiża nhar l-4 ta’ Frar 2010;

**Ibrahim Koroma** deċiża fl-14 ta’ Ġunju 2010;

**Ginka A. Stefanova** deċiża fl-20 ta' Ġunju 2011;

**Richard A. P. Oberght** deċiża fil–15 t'Ottubru 2012;

**Stephen N. Owusu** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri nhar it-12 ta' Diċembru 2013; u

**Edward A. Story** deċiża nhar is-6 ta' Jannar 2016;

**Manuel Oliverio SANCHEZ MEDINA** deċiża nhar it-2 ta' Frar 2021.

Dil-Qorti ħadet ukoll kont tal-ġurisprudenza Maltija kif ukoll dik estera fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-ħati meta dan jirreġistra ammissjoni bikrija fi proċeduri kriminali fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002 nonche **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** deċiża nhar is-17 ta' Lulju 2002;

Rat ix-xiehda tax-Xjenzat Professur Manwel (Emanuel) Singara u r-relazzjoni tiegħu eżebita nhar is-27 t'April 2021 fl-atti ta' dan il-każ, rigwardanti s-sejba tad-droga msemmija, li huwa identifika bħala s-sustanza droga *herojina*, f'piż totali ta' kilogramma (1kg) b'purita ta' ċirka għoxrin fil-mija (20%) u li skont in-*National Report on the Drug Situation in Malta* 2017 il-valur tagħha kien ivarja bejn sittin elf euro (€60,000) u tmienja u sebgħin elf euro (€78,000).

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie deċiż ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża fis-26 ta' Frar 2009 fejn intqal is-segwenti :

> S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil talfatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

Din il-Qorti meta qieset il-fatti ta' dan il-każ, u qablithom ukoll mal-fatti ta' diversi każijiet oħra, wħud minnhom imsemmija aktar il-fuq, tqis li f'dan il-każ partikolari għandha tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors konġunt.

Għaldaqstant wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i) u l-proviso (aa), (3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta nonche r-Regolamenti 2, 4(a), 9 u 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 392B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil hatja **Fanta SILA'** għall-piena ta' **tminn (8) snin priġunerija flimkien ma multa ta' ħmistax il-elf euro (€15,000)** li jekk ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita fi priġunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna wkoll lill-ħatja sabiex tħallas l-ispejjeż kollha tal-perizji inkorsi f'dan il-każ fl-ammont ta' mitejn erba' w ħamsin euro ħmistax il-ċenteżmu (€254.15) jew kwalunkwe ammont aktar verjuri u li għandhom jiġu notifikati lilha bil-kitba mir-Reġistratur **fi żmien xahar**. B'dan li jekk dawn l-ispejjeż peritali ma jitħallsux fi żmien sena mid-data tas-sentenza dawn jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat nonche l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħatja.

Finalment, ġjaladarba l-Avukat Ġenerali iddikjarat matul is-seduta tas-27 t'April 2021 li d-droga eżebita hija meħtiega b'konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, il-Qorti tordna li d-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha ma għandhomx jiġu distrutti f'dan l-istadju, b'riżerva espressa li din l-ordni ta' distruzzjoni tiġi eżegwita fi stadju ulterjuri wara li l-proċeduri kontra terzi jkunu ġew konklużi b'mod definittiv.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**